TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 233/10

**Joseph Buhagiar**
**vs**
**Worldwide Airlines Representatives Ltd.**

Illum 27 t'April, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Mejju, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, mitejn u ħames ewro (€1,205), rappreżentanti żball li sar fuq it-ticket u li għalhekk qed jitlob il-flus lura.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huma kienu bbukjaw ticket lejn l-Amerika u taw l-isem tal-mara tar-rikorrenti, Marylou Buhagiar, illi minflok 'Marylou' kien miktub 'Marylu' u għalhekk ir-rikorrenti kienet inkwetata li ma kinitx ser tiġi aċċettata.

Is-soċjeta' intimata kkonfermat li ma kienx hemm differenza bejn 'Marylou' u 'Marylu' anzi għamlet notament sabiex tiġi konfermata din l-istess persuna. Irriżulta, illi r-rikorrenti ma telgħetx għal flight.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi s-soċjeta' intimata minkejja li kien hemm differenza żgħira fl-isem, xorta ħadet dawk il-prekawzjonijiet kollha sabiex tassigura illi l-klijenta ma jkollhiex problemi għall-ivvjaġġar, pero' r-rikorrenti għażlet li ma temminhomx u ma telgħetx għall-vjaġġ.

It-Tribunal, f'dan l-istadju jinnota li s-soċjeta' intimata għamlet minn kollox sabiex tissodisfa għal dik id-diskrepanza fl-isem u li għalhekk ir-rikorrenti ma kellhiex raġun għaliex ma titlax fuq l-ajruplan.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888